# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 9 ta' Lulju tas-sena 2002.**

**Numru 19**

**Avviz numru 251/02/SM**

**International Trading Company Limited**

**vs**

**Camela Contractors Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat is-16 t'April tas-sena 2002 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lis-socjeta' konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandiex tkun ikkundannata:**

1. **Thallas l-ammont ta' erbat elef sitt mija u hamsa u sittin lira Maltija u tlieta u tletin centezmu (LM4665.33,0) dovuti bhala prezz ta' merkanzija mibjugha u kkunsinjata lilha u minnha debitament accettata u dan skond l-annessi**

statements (Dok. A sa Dok. C rispettivament), u dana minkejja l-giet interpellata permezz ta' ittra ufficjali bid-data 8 ta' Jannar, 2002 (kopja annessa Dok. D), billi dan l-ammont gie accettat minnha, u difatti rrilaxxjat sensiela ta' cekkijiet, li whud minnhom ma gewx onorati (kopji annessi Dok E);

2. Bl-imghaxijiet skond il-ligi u bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni;

Rat il-verbal datat il-15 ta' Mejju tas-sena 2002 li permezz tieghu din il-qorti, fuq talba appozita, ikkoncediet lis-socjeta' konvenuta l-perjodu ta' ghoxrin (20) gurnata biex tkun tista tipprezenta n-nota ta' eccezzjonijiet li jidhirlha xierqa;

Innotat li dan il-perjodu ghadda inutilment;

Semghet il-provi prodotti mis-socjeta' attrici;

Ikkonsidrat:

Illi effettivament jirrizulta abbundantement assodat li s-socjeta' attrici bieghet u ikkonsenjat merkanzija lis-socjeta' konvenuta;

Illi s-socjeta' konvenuta ghad fadlilha thallas l-ammont indikat fl-avviz odjern lis-socejta' attrici;

Ghaldaqstant din il-qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta Camela Contractors Limited biex thallas l-ammont ta' erbat elef, sitt mija u hamsa u sittin Lira Maltin u tlieta u tletin centezmu, (Lm4,665.33,0), lis-socjeta' attrici International Trading Company Limited, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti skond il-ligi.

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**